29 ta' Novembru, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Peter Dacoutros

**Sentenza — Ġudikat — Rimozzjoni ta' Inkonvenjent — Penali — Likwidazzjoni.**

*Sentenza li timponi lill-imputat l-obbligu li jneħħi l-inkonvenjent taħt penali għal kull ġurnata li jonqos, ma tistax tiġi riveduta jekk tkun għaddiet f'ġudikat.*

*Però l-Qorti, meta tiġi biex tillikwida l-penali dovuta minn dak l-imputat għax ma jkunx neħħa l-inkonvenjent, tista' u għandha, tara jekk wara dik is-sentenza nħolqux ċirkustanzi indipendenti mill-volontà ta' l-imputat li tabilħaqq irrendew assolutament impossibili l-eżekuzzjoni ta' dak l-obbligu fil-perijodu kollu traskors bejn il-jum li fih dik il-penali ġiet imposta u meta l-imputat jinġieb quddiem il-Qorti għal-likwidazzjoni tal-penali.*

*Imma jekk dawk iċ-ċirkustanzi kienu ġà jeżistu meta ngħatat l-ewwel sentenza, u l-imputat ħalla dik is-sentenza tgħaddi f'ġudikat, dawk iċ-ċirkustanzi ma jiswewlux biex b'hekk jeħles mill-kundanna għall-ħlas tal-penali.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors li bih l-imsemmi **Peter Dacoutros** interpona appell lil dina l-Qorti **kontra s-sentenza** mogħtija mill-Qorti Kriminali **tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja** għall-Gżira ta' Malta fis-26 ta' Ġunju **1947, li biha**, fuq **l-akkuża** li naqas jeżegwixxi l-ordni **mogħti mill-Qorti fuq** indikata b'sentenza tal-10 ta' Ottubru **1946, billi fiż-żmien** stabbilit fl-istess sentenza, **kif ġie estiż b'digriet ta' l-istess** Qorti tas-7 ta' Diċembru **1946, konfermat b'digriet ieħor tal**-15 ta' Marzu **1947, naqas** li **jneħħi mill-Port il-Kbir, u pre**ċiżament mill-Marsa, **ħdejn** id-**dħul għall-Menqa, il-bastiment** tiegħu "Anna Dacoutros", li **ħalla hemm abbandunat** u mgħarraq, u għalhekk **għandu jiġi kundannat li jħallas il**-penali **ffissata fl-imsemmija sentenza** tal-10 ta' **Ottubru 1946**, jiġifieri £2 għal **kull jum** ta' r**itard**, l-istess **Peter Dacoutros** ġie kundannat iħallas **penali ta' £242, kalkolata bir-rata ta'** £2 kuljum mill-11 ta' **Frar 1947** sas-26 ta' **Ġunju 1947, salva** kull penali oħra futura;

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Illi l-appellant ihossu aggravat bid-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti billi jidhirlu li dik il-Qorti kien imissha ppermettiet li jsiru l-verifikazzjonijiet opportuni biex jiġi assodat jekk, mill-jum li fih ġiet mogħtija s-sentenza tal-10 ta' Ottubru 1946, kienx hemm ċirkustanzi ġodda, jew komplewx ċerti ċirkustanzi l' allura, meta ġiet mogħtija s-sentenza, ġew ritenuti ċessati, li minħabba fihom il-kondizzjoni kienet impossibili; għaliex, kif jippretendi l-appellant, kieku saru dawk il-verifikazzjonijiet, kien ċertament jirriżulta li hu għamel minn kollox biex jeżegwixxi l-ordni, u fil-fatt irnexxielu jtalla' mill-baħar il-partijiet kollha tal-bastimenti li huwa seta', imma ma setax italla' dak li baqa', jiġifieri l-"hull", għaliex assolutament ma sabx mezzi biex itellgħu, non ostanti li huwa rrikorra mhux biss għand id-ditti privati ta' salvataġġ, imma ank għand l-Ammiraljat; u taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-appellant jippretendi li ma jmissux ġie kundannat iħallas il-penali, billi ħadd ma hu tenut jagħmel dak li hu impossibili;

Tikkunsidra;

Illi l-meritu tas-sentenza tal-10 ta' Ottubru 1946, li biha ġie impost l-obligu fuq imsemmi taħt penali ta' £2 għal kull jum ta' ritard ma jistax jerġa' jiġi miftuħ; dik is-sentenza għaddiet in ġudikat, u ma tistax tiġi riveduta. Hekk ġie deċiż minn din l-istess Qorti fis-sentenza tal-21 ta' Ottubru 1946 fil-kawża "Il-Pulizija vs. Joseph Brincat et.". Kwindi din il-Qorti ma tistax, kif ma setgħetx l-Ewwel Qorti, tara f'din il-kawża, jekk kienx il-każ jew le li tiġi imposta l-obligazzjoni fuq imsemmija fis-sentenza ċitata;

Illi però il-Qorti li tillikwida l-ammont tal-penali, wara li tkun ikkonstatat l-ineżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni, tista', u għandha, tara jekk wara l-jum li fih tkun ġiet imposta l-obligazzjoni, inħolqux xi ċirkustanzi, allegati minn min kellu jeżegwiha, indipendenti mill-għemil u mill-volontà tiegħu, li tabilħaqq irrendew assolutament impossibili l-eżekuzzjoni ta' dik l-obligazzjoni fil-perijodu kollu traskors mill-jum li fih dik il-penali tkun ġiet imposta sa meta, min ikun naqas, jiġi miġjub quddiem il-Qorti għal-likwidazzjoni tal-penali; u dana għaliex tirrikjedih l-istess ġustizzja, billi ħadd ma jista' jkun tenut għal dak li hu impossibili. — Mis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Mejju 1947, fil-kawża "Il-Pulizija vs. Joseph Muscat",

jidher illi din il-Qorti kienet ta' l-istess fehma anki f'dak il-każ, fejn id-difiża giebet ukoll 'il quddiem l-eċċezzjoni li l appellant kien għamel minn kollox biex jeżegwixxi l-ordni tal-Qorti, iżda ma rnexxielux. Dik l-eċċezzjoni ma gietx ritenuta attendibili; imma jekk ma gietx milqugħa, dana gara billi rriżulta li kienet sempliċi allegazzjoni mhux korretta minn ebda amminikulu ta' prova;

Tikkunsidra;

Illi l-appellant xehed li hu qabbad lid-ditti "Zammit" u "Bezzina" biex itellgħulu l-bastiment; iżda Zammit ma setax, u Bezzina ma kellux l-istrumenti kollha neċessarji. Xehed li hu pprova jottjeni dawk l-istrumenti mid-Dockyard, imma ma nqediex, non ostanti t-talb tiegħu ripetut. Xehed ukoll li dawn iċ-ċirkustanzi kienu jeżistu minn qabel is-sentenza tal-10 ta' Ottubru 1946, u li huwa kien ħabat ħafna għal xejn biex italla' l-bastiment anki qabel ma giet mogħtija dik is-sentenza, u li dana rrilevah ukoll lil-Qorti; imma gie kundannat l-istess, u giet imposta lilu l-obligazzjoni fuq imsemmija;

Illi għalhekk, mix-xhieda ta' l-istess appellant jirriżulta li ma nħolqux ċirkustanzi godda, wara l-imsemmija sentenza, li rrendew impossibil l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza; u jekk tabilħaqq allura kien hemm dik l-impossibilità li l-bastiment jigi mtella', imissu interpona appell kontra dik is-sentenza, u mhux ħallieha tgħaddi in gudikat, bil-konsegwenza, gà fuq rilevata, li l-meritu tagħha ma jkunx jista' jerga' jinfetaħ;

Illi barra minn dan, mill-provi li saru quddiem dina l-Qorti jirriżulta li l-appellant seta' jirrikorri għal mezzi oħra li bihom seta' jtalla' l-kumplament tal-bastiment, u hekk inebbi l-ingombru li dan kien qiegħed jagħmel; u inkwant jirriżulta mill-istess xhieda ta' l-appellant li huwa lanqas biss ma pprova li jottjeni l-permessi biex ikun jista' juża dawk il-mezzi; u dana non ostanti li għaddew aktar minn sebgħa xhur mill-jum li fih gie lilu impost it-terminu;

Għalhekk tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunċjata.